
32006R1756

L 332/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.11.2006

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1756/2006**tat-28 ta' Novembru 2006****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2667/2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni****IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 181a(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Opinjoni tat-12 ta' Ottubru 2006 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) L-assistenza Komunitarja prevista fir-Regolament (KE) Nru 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar l-assistenza għall-Albanija, il-Bosna u Heržegovina, il-Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1628/96 u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 3906/89 u (KEE) Nru 1360/90 u d-Deċiżjonijiet 97/256/KE u 1999/311/KE¹ ("il-programm CARDS") hija implementata fis-Serbja u l-Montenegro, inkluż il-Kosovo kif imfisser mir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Ġunju 1999, u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja mill-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 2667/2000².
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 2667/2000 japplika sal-31 ta' Diċembru 2006.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2667/2000 jipprevedi rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar il-futur tal-mandat ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni.
- (4) Il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport imsemmi lill-Kunsill, u lill-Parlament bħala informazzjoni, fit-23 ta' Diċembru 2005.
- (5) F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni pproponiet li l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni ma tissoktax, iżda li xorta waħda tkun estiża l-eżistenza tagħha b'sentejn, sal-31 ta' Diċembru 2008, bil-mandat u status attwali, sabiex l-attivitajiet tagħha taħt il-programm CARDS jieqfu gradwalment.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 2667/2000 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif meħtieġ,

¹ ĠU L 306, 7.12.2000, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament Nru 2112/2005 (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 23).

² ĠU L 306, 7.12.2000, p. 7. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 389/2006 (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 5).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni (KE) 2667/2000, id-data "31 ta' Diċembru 2006" għandha tinbidel bi "31 ta' Diċembru 2008".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

E. HEINALUOMA
